ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 90

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 55

28 ta’ Marzu 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2012/176/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Marzu 2012 dwar il-konklużjoni ta’ Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta’ Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-programmi tal-Unjoni** ..... 1

**Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta’ Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-programmi tal-Unjoni** ..... 2

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 272/2012 tas-7 ta’ Frar 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tariffi mitluba mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu** ([1]) ..... 6

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 273/2012 tas-27 ta’ Marzu 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 rigward l-aġġustament tat-tariffi tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għar-rata tal-inflazzjoni** ([1]) ..... 11

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b’titoli b’tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta’ kuljum ta’ affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b’tipa skura u mmarkati b’asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 274/2012 tas-27 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1152/2009 li jimponi kundizzjonijiet straordinarji għar-regolamentazzjoni tal-importazzjoni ta' ċerti oġġetti tal-ikel minn ċerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini** ([1]) ..... 14

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 275/2012 tas-27 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 17

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 276/2012 tas-27 ta' Marzu 2012 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012 ..... 19

DEĊIŻJONIJIET

2012/177/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Bank of Greece** ..... 21

2012/178/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2011 dwar l-Għajnuna mill-Istat C 10/10 (ex N 562/09) li Spanja għandha l-intenzjoni li tagħti għar-ristrutturazzjoni ta' A NOVO Comlink** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1740)* ([1]) ..... 22

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-8 ta' Marzu 2012**

**dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-programmi tal-Unjoni**

(2012/176/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-punt (a)(i) tal-Artikolu 218(6) u t-tieni inċiż tal-Artikolu 218(8),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-programmi tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fis-7 ta' Ottubru 2010.

(2) B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwixxiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi konkluż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-programmi tal-Unjoni huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, f'isem l-Unjoni, in-notifika prevista fl-Artikolu 10 tal-Protokoll.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BØDSKOV

# PROTOKOLL

## għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-programmi tal-Unjoni

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

minn naħa waħda, u

IR-RENJU TAL-MAROKK, minn hawn il-quddiem imsejjaħ "il-Marokk",

min-naħa l-oħra,

minn hawn il-quddiem imsejħa konġuntament "il-Partijiet",

BILLI:

(1) Il-Marokk kien ikkonkluda Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra [1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), fis-26 ta' Frar 1996.

(2) Il-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004 laqa' b'mod favorevoli l-proposti tal-Kummissjoni għal Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u aċċetta l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2004.

(3) Il-Kunsill, f'bosta okkażjonijiet oħrajn, adotta konklużjonijiet favur din il-politika.

(4) Il-Kunsill, fil-5 ta' Marzu 2007, esprima appoġġ għall-istrateġija ġenerali u globali definita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2006, sabiex ikun permess lill-imseħbin fi ħdan il-PEV li jipparteċipaw fl-aġenziji Komunitarji u l-programmi Komunitarji fuq il-merti tagħhom u sa fejn l-bażijiet legali jippermettu.

(5) Il-Marokk esprima x-xewqa li jipparteċipa f'għadd ta' programmi tal-Unjoni.

(6) It-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi, applikabbli fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Marokk f'kull programm partikolari, partikolarment il-kontribuzzjoni finanzjarja u l-proċeduri ta' rapportar u tal-evalwazzjoni, għandhom jiġu ddeterminati fil-forma ta' Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Marokk,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Marokk huwa b'dan awtorizzat sabiex jipparteċipa fil-programmi attwali u futuri kollha tal-Unjoni li huma miftuħin għall-Marokk skont id-dispożizzjonijiet pertinenti tal-adozzjoni ta' dawn il-programmi.

*Artikolu 2*

Il-Marokk għandu jikkontribwixxi finanzjarjament għall-baġit ġenerali tal-Unjoni b'mod korrispondenti għall-programmi speċifiċi li fihom jipparteċipa.

*Artikolu 3*

Ir-rappreżentanti tal-Marokk huma b'dan awtorizzati sabiex jipparteċipaw, bħala osservaturi u għall-punti li jirrigwardaw il-Marokk, fil-kumitati ta' ġestjoni responsabbli għas-sorveljanza tal-programmi li għalihom il-pajjiż jikkontribwixxi finanzjarjament.

*Artikolu 4*

Il-proġetti u l-inizjattivi li jiġu ppreżentati mill-parteċipanti mill-Marokk għandhom, safejn dan hu possibbli, jkunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet, regoli u proċeduri tal-programmi kkonċernati kif applikati lill-Istati Membri.

*Artikolu 5*

It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-parteċipazzjoni tal-Marokk f'kull wieħed mill-programmi, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli u l-proċeduri tar-rapportar u tal-evalwazzjoni, għandhom jiġu ddeterminati taħt forma ta' Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Marokk abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-programmi kkonċernati.

Jekk il-Marokk japplika għall-assistenza esterna tal-Unjoni biex jipparteċipa fi programm partikolari tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Shubija [2] jew skont kwalunkwe Regolament simili li jipprovdi għall-assistenza esterna tal-Unjoni lill-Marokk jista' jiġi adottat fil-ġejjieni, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu tal-assistenza Komunitarja mill-Marokk għandhom jiġu ddeterminati minn ftehim dwar l-iffinanzjar, li jirrispetta b'mod partikolari l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006.

*Artikolu 6*

F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej [3], kull Memorandum ta' Qbil konkluż skont l-Artikolu 5

(1) ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.

(2) ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.

(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

għandu jistipula li għandhom isiru kontrolli jew verifiki finanzjarji jew ispezzjonijiet oħrajn, inklużi inkjesti amministrattivi, mill-Kummissjoni, mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u mill-Qorti tal-Awdituri, jew taħt l-awtorità tagħhom.

Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati dwar kontroll u verifika finanzjarja, miżuri amministrattivi, penali u rkupru li jippermettu lill-Kummissjoni, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u lill-Qorti tal-Awdituri li jiġu mogħtija setgħat li jkunu ekwivalenti għas-setgħat tagħhom fir-rigward tal-benefiċjarji jew kuntratturi stabbiliti fl-Unjoni.

*Artikolu 7*

Dan il-Protokoll għandu japplika matul il-perjodu li fih ikun fis-seħħ il-Ftehim.

Dan il-Protokoll għandu jiġi ffirmat u approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri rispettivi tagħhom.

Kull Parti tista' tiddenunzja dan il-Protokoll b'notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra. L-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għandha tintemm sitt xhur wara d-data ta' din in-notifika.

Id-denunzja ta' dan il-Protokoll minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet ma għandha jkollha l-ebda effett fuq l-ispezzjonijiet u l-kontrolli li jkollhom jitwettqu, jekk ikun il-każ, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 6.

*Artikolu 8*

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, u kull tliet snin sussegwenti, iż-żewġ Partijiet jistgħu jirrivedu l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll abbażi tal-parteċipazzjoni effettiva tar-Renju tal-Marokk fi programmi tal-Unjoni.

*Artikolu 9*

Dan il-Protokoll għandu japplika, minn naħa waħda, fir-rigward tat-territorji li fihom japplika t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dan it-Trattat, u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-territorju tar-Renju tal-Marokk.

*Artikolu 10*

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin permezz ta' mezzi diplomatiċi bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa biex jidħol fis-seħħ.

*Artikolu 11*

Dan il-Protokoll jifforma parti integrali mill-Ftehim.

*Artikolu 12*

Dan il-Protokoll huwa mfassal duplikatament bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti,, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Għarbi b'kull test ugwalment awtentiku.

Съставено в Брюксел на тринадесети декември две хиляди и десета година.

Hecho en Bruselas, el trece de diciembre de dos mil diez.

V Bruselu dne třináctého prosince dva tisíce deset

Udfærdiget i Bruxelles den trettende december to tusind og ti.

Geschehen zu Brüssel am dreizehnten Dezember zweitausendzehn.

Kahe tuhande kümnenda aasta detsembrikuu kolmeteistkümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες στις δεκατρείς Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες δέκα.

Done at Brussels on the thirteenth day of December in the year two thousand and ten.

Fait à Bruxelles, le treize décembre deux mille dix.

Fatto a Bruxelles, addì tredici dicembre duemiladieci.

Briselē, divi tūkstoši desmitā gada trīspadsmitajā decembrī.

Priimta du tūkstančiai dešimtų metų gruodžio tryliktą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizedik év december tizenharmadik napján.

Magħmul fi Brussell, fit-tlettax-il jum ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra.

Gedaan te Brussel, de dertiende december tweeduizend tien.

Sporządzono w Brukseli dnia trzynastego grudnia roku dwa tysiące dziesiątego.

Feito em Bruxelas, em treze de Dezembro de dois mil e dez.

Întocmit la Bruxelles, la treisprezece decembrie două mii zece.

V Bruseli dňa trinásteho decembra dvetisícdesať.

V Bruslju, dne trinajstega decembra leta dva tisoč deset.

Tehty Brysselissä kolmantenatoista päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakymmenen.

Som skedde i Bryssel den trettonde december tjugohundratio.

**حرر في بروكسيل بتاريخ 13 دجنبر 2010**

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



عن الإتحاد الأوروبي

За Кралство Мароко
Por el Reino de Marruecos
Za Marocké království
For Kongeriget Marokko
Für das Königreich Marokko
Maroko Kuningriigi nimel
Για το Βασίλειο του Μαρόκου
For the Kingdom of Morocco
Pour le Royaume du Maroc
Per il Regno del Marocco
Marokas Karalistes vārdā –
Maroko Karalystės vardu,
A Marokkói Királyság részéről
Għar-Renju tal-Marokk
Voor het Koninkrijk Marokko
W imieniu Królestwa Maroka
Pelo Reino de Marrocos
Pentru Regatul Maroc
Za Marocké kráľovstvo
Za Kraljevino Maroko
Marokon kuningaskunnan puolesta
För Konungariket Marocko



عن المملكة المغربية

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 272/2012

**tas-7 ta' Frar 2012**

**li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tariffi mitluba mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) [2] jistipula li d-dħul tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) għandhom jikkonsistu wkoll f'tariffi mħallsa lill-AETS f'każijiet speċifikati fil-leġislazzjoni tal-Unjoni flimkien ma' kontribuzzjonijiet minn awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u sussidju mill-Unjoni.

(2) Sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-baġit tal-AETS u, fl-istess ħin, jitħaffef il-piż finanzjarju għall-Istati Membri u l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jħallsu mill-anqas l-ispejjeż kollha relatati mas-superviżjoni tagħhom. Kwalunkwe defiċit li jista' jseħħ matul sena finanzjarja waħda għandu jiġi rkuprat mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fis-sena sussegwenti.

(3) Għandha tintalab tariffa superviżorja annwali lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li jaqbżu ċertu livell limitu ta' fatturat sabiex tipprovdi għaċ-ċertezza baġitarja kemm għall-AETS kif ukoll għall-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kkonċernati. It-tariffi superviżorji annwali ma għandhomx isiru piż għal dawk li jkunu għadhom kif daħlu fis-suq ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. Barra minn hekk, l-aġenziji żgħar ta' klassifikazzjoni tal-kreditu huma mistennija li joħolqu ferm inqas spejjeż superviżorji minn dawk kbar. Għaldaqstant, ikun proporzjonat li l-aġenziji żgħar ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jkunu eżentati kompletament milli jħallsu t-tariffa superviżorja annwali fejn l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jew il-grupp ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li tappartjeni għalih ma jaqbżux ċertu livell limitu ta' fatturat.

(4) Sabiex tiġi żgurata allokazzjoni ġusta u ċara ta' tariffi li, fl-istess ħin, tirrifletti l-piż amministrattiv attwali għal kull entità superviżjonata, it-tariffa superviżorja għandha tiġi kkalkolata skont il-fatturat tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, iġġenerat mill-attivitajiet ta' klassifikazzjoni u s-servizzi anċillari, minħabba li l-ispiża ta' superviżjoni hija ogħla għall-aġenziji l-kbar ta' klassifikazzjoni tal-kreditu milli għal dawk għall-aġenziji li huma iżgħar. Barra minn hekk, il-forniment ta' servizzi anċillari jeħtieġ sforz superviżorju addizzjonali minħabba li l-kunflitti ta' interess li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi anċillari jeħtieġu monitoraġġ. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ma għandhomx jevitaw l-allokazzjoni ġusta tat-tariffi skont dan ir-Regolament billi jallokaw mill-ġdid il-fatturat lil entitajiet oħra fi ħdan il-grupp tagħhom sabiex inaqqsu l-kontribuzzjonijiet tariffarji tagħhom. L-AETS għandha tissorvelja u tirrapporta kwalunkwe żviluppi kritiċi f'dan ir-rigward.

(5) Għandha tintalab tariffa għar-reġistrazzjoni lill-aġenziji ta' klassifikazjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Unjoni biex tirrifletti l-ispejjeż tal-AETS għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni. Il-kumplessità ta' applikazzjoni u l-ispejjeż assoċjati mal-valutazzjoni tal-applikazzjoni jiżdiedu meta aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tapplika għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni għall-istrumenti finanzjarji strutturati jew tippjana li tapprova klassifikazzjoni minn aġenziji ta' pajjiż terz jew ikollha xi fergħat. Għaldaqstant, it-tariffa għar-reġistrazzjoni għandha tiġi kkalkolata skont dawn il-fatturi. Fil-parti l-kbira tagħhom, l-ispejjeż ta' proċessar jiddependu ukoll mid-daqs tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li tapplika. Peress li l-fatturat fil-ġejjieni ta' aġenzija ġdida ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ma jkunx magħruf fil-mument tal-applikazzjoni tagħha għar-reġistrazzjoni, in-numru ta' impjegati għandu jieħu post il-fatturat bħala bażi komuni għall-kalkolu tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kollha.

(6) Dan ir-Regolament għandu jispeċifika t-tariffi li għandhom jintalbu lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal ċertifikazzjoni fl-Unjoni skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 sabiex ikopru l-ispejjeż ta' ċertifikazzjoni u superviżorji annwali tagħhom. F'dan ir-rigward l-ispejjeż

[1] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.
[2] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

neċessarji tal-AETS huma relatati maċ-ċertifikazzjoni ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' pajjiżi terzi bħal dawn skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 li ssegwi proċedura simili bħal dik applikabbli għar-reġistrazzjoni tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Unjoni, kif ukoll l-ispiża meħtieġa tal-AETS għas-superviżjoni ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikati.

(7) L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jiġu rimborżati perċentwal tat-tariffa li ħallsu inizjalment għar-reġistrazzjoni jew għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom meta jirtiraw l-applikazzjoni tagħhom matul il-proċess ta' reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni hekk kif l-ispejjeż tal-AETS għall-ipproċessar tal-applikazzjoni jkunu aktar baxxi f'dawn il-każijiet.

(8) Minħabba xi żviluppi possibbli fil-futur, huwa xieraq li jiġu riveduti u aġġornati kif meħtieġ il-livelli limitu għall-eżenzjoni tal-aġenziji ta' klassifkazzjoni ta' kreditu mill-jħallsu t-tariffi superviżorji annwali u l-ammonti ta' reġistrazzjoni u ċertifikazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni ġusta ta' dawn il-miżuri fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolaament u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u l-ill Kunsill dwar il-ħtieġa possiblli għar-reviżjoni tiegħu.

(9) L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jġarrbu spejjeż meta jwettqu kompiti delegati lilhom mill-AETS skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u meta jipprovdu assistenza lill-AETS fil-każijiet l-oħra speċifikati f'dak ir-Regolament. It-tariffi li se jintalbu mill-AETS lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom ikopru wkoll dawk l-ispejjeż. Sabiex jiġi evitat li l-awtoritajiet kompetenti jġarrbu telf jew jirrealizzaw profitt mit-twettiq ta' kompiti ddelegati jew mill-assistenza lill-AETS, l-AETS għandha trodd lura l-ispejjeż attwali mġarrba minn dik l-awtorità kompetenti nazzjonali.

(10) Dan ir-Regolament għandu jifforma l-bażi għad-dritt tal-AETS li titlob tariffi lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. Sabiex minnufih tiġi faċilitata l-attività superviżorja u ta' infurzar effettiva u effiċjenti, ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar it-tariffi li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) għandha titlob lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għas-superviżjoni, ir-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni.

*Artikolu 2*

### L-irkupru tal-ispejjeż superviżorji kollha

It-tariffi mitluba lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom ikopru:

(a) l-ispejjeż kollha relatati mas-superviżjoni tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu mill-AETS skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009, inklużi l-ispejjeż li jirriżultaw mir-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu;

(b) l-ispejjeż kollha għar-rimborż tal-awtoritajiet kompetenti li l-AETS tkun iddelegat lilhom kompiti skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009;

(c) l-ispejjeż kollha għar-rimborż tal-awtoritajiet kompetenti li pprovdew assistenza lill-AETS skont l-Artikolu 23c(4) u l-Artikolu 23d(5) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

*Artikolu 3*

### Introjtu applikabbli

1. Għall-finijiet ta' kalkolu tat-tariffi msemmija fl-Artikolu 5, l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 11(1) u (2), il-fatturat applikabbli għal sena finanzjarja partikolari (n) għandu jkun id-dħul ta' aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kif ippubblikat fil-kontijiet awditjati tagħha tas-sena preċedenti (n-1) iġġenerat mill-attivitajiet ta' klassifikazzjoni u servizzi anċillari.

2. Meta l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ma tkunx operat matul is-sena sħiħa (n-1), id-dħul applikabbli għandu jiġi stmat bl-estrapolazzjoni ta' dak l-ammont għas-sena finanzjarja sħiħa.

KAPITOLU II

## TARIFFI

*Artikolu 4*

### Tipi ta' tariffi u modalijiet ta' ħlas ġenerali

1. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Unjoni li japplikaw għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 għandhom jintalbu jħallsu t-tipi ta' tariffi li ġejjin:

(a) tariffi superviżorji annwali skont l-Artikolu 5;

(b) tariffi għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6.

2. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu stabbiliti f'pajjiżi terzi li japplikaw għaċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 għandhom jintalbu jħallsu t-tipi ta' tariffi li ġejjin:

(a) tariffi superviżorji annwali fissi skont l-Artikolu 7;

(b) tariffi għaċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 8.

3. It-tariffi għandhom jitħallsu f'Euro. Dawn għandhom jitħallsu kif inhu speċifikat fl-Artikoli 5(3), 6(6), 7(2) u 8(2).

Kwalunkwe ħlas tard għandu jkun soġġett għal multa ta’ kuljum ugwali għal 0,1 % tal-ammont dovut.

*Artikolu 5*

**Tariffa superviżorja annwali għall-aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati**

1. Aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata għandha tintalab tħallas tariffa superviżorja annwali.

Permezz ta’ deroga mill-ewwel subparagrafu, aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata għandha tkun eżentata milli tħallas tariffa superviżorja annwali jekk id-dħul totali tagħha kif ippubblikati fl-aktar kontijiet awditjati reċenti tagħha jkun inqas minn EUR 10 miljun, jew fil-każ li tappartjeni għal grupp ta’ aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu, fejn il-grupp ta’ aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu jkollu dħul aggregat totali ta’ inqas minn EUR 10 miljun.

2. It-tariffa superviżorja annwali għal sena finanzjarja partikolari għandha tiġi kkalkolata kif ġej:

(a) il-bażi għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali għal sena finanzjara partikolari għandha tkun l-istima tan-nefqa relatata mas-superviżjoni tal-aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu kif inkluża fil-baġit tal-AETS għal dik is-sena, stabbilit u approvat skont l-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;

(b) l-ammont rilevanti għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali għal sena finanzjara partikolari għandu jkun l-istima tan-nefqa skont il-punt (a) imnaqqsa minn kwalunkwe tariffa superviżorja annwali li trid tintalab lill-aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikati għal sena finanzjarja partikolari skont l-Artikolu 7 u miżjuda minn kwalunkwe defiċit mis-sena finanzjarja preċedenti;

(c) aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tħallas bħala tariffa superviżorja annwali parti mill-ammont rilevanti li jikkorrispondi għas-sehem tal-fatturat applikabbli tal-aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu għall-fatturat applikabbli totali tal-aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu meħtieġa li jħallsu tariffa superviżorja annwali skont il-paragrafu 1.

3. It-tariffa superviżorja annwali għal sena finanzjarja partikolari għandha titħallas f’żewġ ħlasijiet parzjali.

L-ewwel ħlas parzjali għandu jkun dovut sa tmiem Frar ta’ dik is-sena u għandu jammonta għal żewġ terzi tal-istima tat-tariffa superviżorja annwali. Jekk il-fatturat applikabbli jkun għadu mhux disponibbli f’dak il-perjodu, l-AETS għandha tibbaża l-kalkolu fuq il-fatturat inkluż fl-aktar kontijiet awditjati reċenti disponibbli.

It-tieni ħlas parzjali għandu jkun dovut sa tmiem Awwissu. L-ammont tat-tieni ħlas parzjali għandu jkun it-tariffa superviżorja annwali kkalkolata skont il-paragrafu 2 mnaqqsa mill-ammont tal-ewwel ħlas parzjali.

L-AETS għandha tibgħat il-fatturi għall-ħlasijiet parzjali lill-aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu tal-inqas 30 jum qabel id-data tal-ħlas rispettiva.

*Artikolu 6*

**Tariffa għar-reġistrazzjoni**

1. L-ammont tat-tariffa għar-reġistrazzjoni li għandha titħallas mill-aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu individwali li japplikaw għar-reġistrazzjoni għandu jkun proporzjonat meta mqabbel mal-kumplessità tal-applikazzjoni u d-daqs tal-aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu kif inhu speċifikat fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Għall-finijiet ta’ kalkolu tal-ammont tat-tariffa għar-reġistrazzjoni, il-kriterji li ġejjin għandhom jittieħdu f’kunsiderazzjoni:

(a) jekk aġenzija ta’ klassifikazjoni tal-kreditu għandhiex il-ħsieb li toħroġ klassifikazzjoni għal strumenti finanzjarji strutturati;

(b) jekk aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu għandhiex fergħa fi Stat Membru ieħor jew f’pajjiż terz;

(c) jekk aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu għandhiex il-ħsieb li tapprova l-klassifikazzjonijiet.

3. Fejn ma jkun japplika l-ebda wieħed mill-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2, it-tariffi tar-reġistrazzjoni għandhom jiġu kkalkolati skont in-numru ta’ impjegati, kif ġej:

(a) aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu b’inqas minn 15-il impjegat għandhom iħallsu EUR 2 000;

(b) aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu bi 15 sa 49 impjegat għandhom iħallsu EUR 15 000;

(c) aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu b’mill-anqas 50 impjegat għandhom iħallsu EUR 40 000.

4. Aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu li jissodisfaw biss wieħed mill-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom iħallsu t-tariffi għar-reġistrazzjoni li ġejjin skont in-numru ta’ impjegati tagħhom, kif ġej:

(a) aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu b’inqas minn 15-il impjegat għandhom iħallsu EUR 10 000;

(b) aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu bi 15 sa 49 impjegat għandhom iħallsu EUR 40 000;

(c) aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu b’mill-inqas 50 impjegat għandhom iħallsu EUR 100 000.

5. Aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu li jissodisfaw tal-inqas tnejn mill-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom iħallsu t-tariffi għar-reġistrazzjoni li ġejjin skont in-numru ta’ impjegati tagħhom, kif ġej:

(a) aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu b’inqas minn 15-il impjegat għandhom iħallsu EUR 30 000;

(b) aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu bi 15 sa 49 impjegat għandhom iħallsu EUR 85 000;

(c) aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu b’mill-inqas 50 impjegat għandhom iħallsu EUR 125 000.

6. It-tariffa għar-reġistrazzjoni għandha titħallas kollha meta l-aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu tapplika għar-reġistrazzjoni.

7. Jekk aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu tirtira l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħha qabel ma l-AETS tkun innotifikatha li l-applikazzjoni tlestiet skont it-tieni subparagrafu

tal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, l-AETS għandha trodd lura tliet kwarti mit-tariffa għar-reġistrazzjoni mħallsa. Jekk l-applikazzjoni tiġi rtirata wara din id-data, iżda qabel ma l-AETS tkun ħadet id-deċiżjoni rraġunata ta' reġistrazzjoni jew ta' ċaħda tar-reġistrazzjoni, l-AETS għandha trodd lura kwart mit-tariffa għar-reġistrazzjoni mħallsa.

8. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5, aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata li hija meħtieġa tħallas tariffa superviżorja annwali skont l-Artikolu 5(1), fis-sena ta' reġistrazzjoni tagħha din għandha tħallas tariffa superviżorja inizjali ta' EUR 500 għal kull xahar sħiħ fil-perjodu ta' żmien bejn id-data ta' reġistrazzjoni u tmiem is-sena finanzjarja. Din it-tariffa għandha titħallas kollha ladarba r-reġistrazzjoni tiġi notifikata lill-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu.

*Artikolu 7*

**Tariffa superviżorja annwali fissa għall-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikati**

1. Aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikata skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 għandha tħallas tariffa superviżorja annwali ta' EUR 6 000.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikata għandha tkun eżentata milli tħallas tariffa superviżorja annwali fejn id-dħul totali tagħha ppubblikat fl-aktar kontijiet awditjati reċenti tagħha jkun inqas minn EUR 10 miljun, jew fil-każ li tkun tappartjeni għal grupp ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, fejn il-grupp ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jkollu dħul totali aggregat ta' inqas minn EUR 10 miljun.

2. It-tariffa superviżorja annwali għal aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikata għandha titħallas sa tmiem Frar. L-AETS għandha tibgħat fattura għall-ħlas lil aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikata tal-inqas 30 jum qabel dik id-data.

*Artikolu 8*

**Tariffa għaċ-ċertifikazzjoni**

1. Aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li tapplika għal ċertifikazzjoni għandha tħallas tariffa għaċ-ċertifikazzjoni ta' EUR 10 000.

2. It-tariffa għaċ-ċertifikazzjoni għandha titħallas kollha fiż-żmien meta l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tapplika għal ċertifikazzjoni.

3. Jekk aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tirtira l-applikazzjoni tagħha għal ċertifikazzjoni qabel ma l-AETS tkun innotifikatha li l-applikazzjoni tlestiet skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, l-AETS għandha trodd lura tliet kwarti mit-tariffa għaċ-ċertifikazzjoni mħallsa. Jekk l-applikazzjoni tiġi rtirata wara dik id-data, iżda qabel ma l-AETS tkun adottat id-deċiżjoni raġunata ta' ċertifikazzjoni jew ta' ċaħda taċ-ċertifikazzjoni, l-AETS għandha trodd lura kwart mill-imposta ta' ċertifikazzjoni mħallsa.

4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 7, aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikata li hija meħtieġa tħallas tariffa superviżorja annwali skont l-Artikolu 7(1) għandha tħallas tariffa superviżorja inizjali ta' EUR 500 għal kull xahar sħiħ fil-perjodu ta' żmien bejn id-data ta' ċertifikazzjoni u tmiem is-sena finanzjarja fis-sena ta' ċertifikazzjoni tagħha. Din it-tariffa għandha titħallas kollha hekk kif iċ-ċertifikazzjoni tiġi nnotifikata lill-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu.

*Artikolu 9*

**Rimborż tal-awtoritajiet kompetenti**

1. Hija biss l-AETS li għandha titlob tariffi lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għar-reġistrazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jitolbu tariffi lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, l-anqas f'każijiet fejn dawk l-awtoritajiet iwettqu kompiti f'isem l-AETS skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

2. L-AETS għandha tħallas lura lil awtorità kompetenti għall-ispejjeż attwali mġarrba bħala riżultat tat-twettiq tal-kompiti delegati skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jew bħala riżultat tal-assistenza mogħtija lill-AETS skont l-Artikolu 23c(4) jew tal-Artikolu 23d(5) ta' dak ir-Regolament. L-ispejjeż li għandhom jitħallsu lura għandhom jikkonsistu fl-ispejjeż fissi u l-ispejjeż varjabbli kollha relatati mat-twettiq tal-kompiti delegati jew mal-assistenza mogħtija lill-AETS.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI**

*Artikolu 10*

**Tariffi fl-2011**

1. Għall-2011, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati fl-2011 għandhom iħallsu tariffa superviżorja inizjali ta' EUR 500 għal kull xahar sħiħ fil-perjodu bejn id-data ta' reġistrazzjoni, iżda mhux qabel l-1 ta' Lulju 2011, u l-31 ta' Diċembru 2011. Din it-tariffa għandha titħallas kollha kemm hi sa tmiem April 2012.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata għandha tkun eżentata milli tħallas tariffa superviżorja fl-2011 meta d-dħul totali tagħha kif ippubblikat fl-aktar kontijiet awditjati reċenti tagħha jkun inqas minn EUR 10 miljun, jew fil-każ fejn tkun tagħmel parti minn grupp ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, fejn il-grupp ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jkollu dħul aggregat totali ta' inqas minn EUR 10 miljun.

2. Għall-2011, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikati fl-2011 għandhom iħallsu tariffa superviżorja inizjali ta' EUR 500 għal kull xahar sħiħ bejn id-data ta' ċertifikazzjoni, iżda mhux qabel l-1 ta' Lulju 2011, u l-31 ta' Diċembru 2011. Din it-tariffa għandha titħallas kollha sa tmiem April 2012.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tkun eżentata milli tħallas tariffa superviżorja fl-2011 meta jkollha fatturat applikabbli ta' inqas minn EUR 10 miljun, jew fil-każ li tkun tagħmel parti minn grupp ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, fejn il-grupp ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jkollhom fatturat aggregat totali ta' inqas minn EUR 10 miljun.

*Artikolu 11*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 273/2012

## tas-27 ta' Marzu 2012

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 rigward l-aġġustament tat-tariffi tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għar-rata tal-inflazzjoni

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 67(3) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini [2] (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") għandu jikkonsisti f'kontribuzzjoni mill-Komunità u fit-tariffi mħallsa minn intrapriżi lill-Aġenzija. Ir-Regolament (KE) Nru 297/95 jistabbilixxi l-kategoriji u l-livelli ta' dawn it-tariffi.

(2) Dawn it-tariffi għandhom jiġu aġġornati b'referenza għar-rata tal-inflazzjoni tal-2011. Ir-rata tal-inflazzjoni fl-Unjoni, kif ippubblikata mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat), kienet ta' 3,1 % fl-2011.

(3) Għal raġunijiet ta' sempliċità, il-livelli aġġustati tat-tariffi għandhom jiġu aġġustati lejn l-eqreb EUR 100.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 297/95 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali dan ir-Regolament ma għandux japplika għal applikazzjonijiet validi li huma pendenti fl-1 ta' April 2012.

(6) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 297/95 l-aġġornament għandu jsir b'effett mill-1 ta' April 2012. Għalhekk jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u li jibda japplika minn din id-data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 297/95 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-Paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel sottoparagrafu, "EUR 259 400" hija mibdula għal "EUR 267 400";

— fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 26 000" hija mibdula għal "EUR 26 800";

— fit-tielet sottoparagrafu, "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(ii) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel sottoparagrafu, "EUR 100 700" hija mibdula għal "EUR 103 800";

— fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 167 600" hija mibdula għal "EUR 172 800";

— fit-tielet sottoparagrafu, "EUR 10 000" hija mibdula għal "EUR 10 300";

— fir-raba' sottoparagrafu, "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(iii) il-punt (c) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel sottoparagrafu, "EUR 77 900" hija mibdula għal "EUR 80 300";

— fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 19 500 sa EUR 58 400" hija mibdula għal "EUR 20 100 sa EUR 60 200";

— fit-tielet sottoparagrafu, "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(b) il-Paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel sottoparagrafu tal-punt (a) huwa emendat kif ġej:

— "EUR 2 800" hija mibdula għal "EUR 2 900".

— "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(ii) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel sottoparagrafu, "EUR 77 900" hija mibdula għal "EUR 80 300";

— fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 19 500 sa EUR 58 400" hija mibdula għal "EUR 20 100 sa EUR 60 200".

[1] ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1.
[2] ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

(c) Fil-paragrafu 3, "EUR 12 900" hija mibdula għal "EUR 13 300".

(d) Fil-paragrafu 4, "EUR 19 500" hija mibdula għal "EUR 20 100".

(e) Fil-paragrafu 5, "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(f) il-Paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel sottoparagrafu, "EUR 93 000" hija mibdula għal "EUR 95 900";

(ii) fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 23 200 sa EUR 69 700" hija mibdula għal "EUR 23 900 sa EUR 71 900".

(2) Fl-Artikolu 4, "EUR 64 700" hija mibdula għal "EUR 66 700".

(3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-Paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel sottoparagrafu, "EUR 129 800" hija mibdula għal "EUR 133 800";

— fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 12 900" hija mibdula għal "EUR 13 300";

— fit-tielet sottoparagrafu, "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700";

— ir-raba' sottoparagrafu huwa emendat kif ġej:

— "EUR 64 700" hija mibdula għal "EUR 66 700".

— "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(ii) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel sottoparagrafu, "EUR 64 700" hija mibdula għal "EUR 66 700";

— fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 109 700" hija mibdula għal "EUR 113 100";

— fit-tielet sottoparagrafu, "EUR 12 900" hija mibdula għal "EUR 13 300";

— fir-raba' sottoparagrafu, "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700";

— il-ħames sottoparagrafu huwa emendat kif ġej:

— "EUR 32 400" hija mibdula għal "EUR 33 400".

— "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(iii) il-punt (c) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel sottoparagrafu, "EUR 32 400" hija mibdula għal "EUR 33 400";

— fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 8 100 sa EUR 24 200" hija mibdula għal "EUR 8 400 sa EUR 25 000";

— fit-tielet sottoparagrafu, "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(b) il-Paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

— "EUR 2 800" hija mibdula għal "EUR 2 900".

— "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(ii) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel sottoparagrafu, "EUR 38 900" hija mibdula għal "EUR 40 100";

— fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 9 700 sa EUR 29 200" hija mibdula għal "EUR 10 000 sa EUR 30 100";

— fit-tielet sottoparagrafu, "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(c) Fil-paragrafu 3, "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(d) Fil-paragrafu 4, "EUR 19 500" hija mibdula għal "EUR 20 100".

(e) Fil-paragrafu 5, "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

(f) il-Paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel sottoparagrafu, "EUR 31 000" hija mibdula għal "EUR 32 000";

(ii) fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 7 800 sa EUR 23 200" hija mibdula għal "EUR 8 000 sa EUR 23 900".

(4) Fl-Artikolu 6, "EUR 38 900" hija mibdula għal "EUR 40 100".

(5) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel paragrafu, "EUR 64 700" hija mibdula għal "EUR 66 700";

(b) fit-tieni paragrafu, "EUR 19 500" hija mibdula għal "EUR 20 100".

(6) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-Paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 77 900" hija mibdula għal "EUR 80 300";

(ii) fit-tielet sottoparagrafu, "EUR 38 900" hija mibdula għal "EUR 40 100";

(iii) fir-raba' sottoparagrafu, "EUR 19 500 sa EUR 58 400" hija mibdula għal "EUR 20 100 sa EUR 60 200";

(iv) fil-ħames sottoparagrafu, "EUR 9 700 sa EUR 29 200" hija mibdula għal "EUR 10 000 sa EUR 30 100".

(b) il-Paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fit-tieni sottoparagrafu, "EUR 259 400" hija mibdula għal "EUR 267 400";

(ii) fit-tielet sottoparagrafu, "EUR 129 800" hija mibdula għal "EUR 133 800";

(iii) fil-ħames sottoparagrafu, "EUR 2 800 sa EUR 223 600" hija mibdula għal "EUR 2 900 sa EUR 230 500";

(iv) fis-sitt sottoparagrafu, "EUR 2 800 sa EUR 111 900" hija mibdula għal "EUR 2 900 sa EUR 115 400".

(c) Fil-paragrafu 3, "EUR 6 500" hija mibdula għal "EUR 6 700".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal applikazzjonijiet validi li huma pendenti fl-1 ta' April 2012.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 274/2012

## tas-27 ta' Marzu 2012

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1152/2009 li jimponi kundizzjonijiet straordinarji għar-regolamentazzjoni tal-importazzjoni ta' ċerti oġġetti tal-ikel minn ċerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jipprovdi lill-Kummissjoni bil-possibbiltà li tadotta miżuri ta' emerġenza, fejn huwa evidenti li l-ikel u l-għalf importat minn pajjiż terz x'aktarx li joħloq riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent, u li riskju bħal dan ma jistax jitrażżan b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istati Membri individwalment.

(2) Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1152/2009 [2] l-Kummissjoni imponiet kundizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni minn ċerti pajjiżi terzi ta' ċerti oġġetti tal-ikel li fihom il-livelli massimi ta' aflatossini stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [3] dehru li kienu ta' sikwit qed jinqabżu.

(3) Billi l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) tbiddel għal ċerti kategoriji tal-ikel koperti bir-Regolament (KE) Nru 1152/2009, huwa xieraq li jinbidlu l-kodiċijiet tan-NM f'dak ir-Regolament kif xieraq.

(4) Huwa xieraq li titħassar id-dispożizzjoni tranżitorja għal oġġetti tal-ikel importati mill-Istati Uniti tal-Amerika, li mhumiex koperti mill-Pjan ta' Teħid ta' Kampjuni Volontarju tal-Aflatossina, billi ingħata biżżejjed ħin lill-operaturi fl-Istati Uniti tal-Amerika għall-implementazzjoni tal-Pjan Volontarju tat-Teħid tal-Kampjuni tal-Aflatossina.

(5) Fid-dawl tal-għadd u tan-natura tan-notifiki fis-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf, għandhom jitnaqqsu f'xi każijiet, il-volumi ta' kummerċ; ir-riżultati tal-ispezzjonijiet mill-Uffiċċju Veterinarju u tal-Ikel, ir-riżultati tal-ispezzjonijiet, u l-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni għall-analiżi. Fil-każ tal-ġellewż mit-Turkija u l-ġewż tal-Brażil mill-Brażil ġie osservat biss għadd baxx ħafna ta' nuqqas ta' konformità fl-importazzjoni. Huwa għalhekk xieraq li titnaqqas il-frekwenza tal-kontrolli għal dawn l-oġġetti tal-ikel. Għal raġunijiet ta' ċarezza u biex tkun żgurata l-konsistenza ma' leġislazzjoni oħra tal-UE, huwa xieraq li jissemma' espliċitament li l-kontrolli ta' identità għandhom jitwettqu bl-istess frekwenza bħala kontroll fiżiku (teħid ta' kampjuni u analiżi).

(6) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1152/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Dispożizzjonijiet emendatorji**

Ir-Regolament (KE) Nru 1152/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Kamp ta' Applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-importazzjoni ta' dawn l-oġġetti tal-ikel li ġejjin, u tal-oġġetti tal-ikel ipproċessati u magħmulin minnhom:

(a) L-oġġetti tal-ikel li jidhru hawn taħt li joriġinaw mill-Brażil jew li ġew ikkonsenjati minn hemm:

(i) Ġewż tal-Brażil fil-qoxra li jidħlu fil-kategorija tal-kodiċi NM 0801 21 00;

(ii) taħlitiet ta' ġewż jew frott imqadded li jaqgħu fil-kodiċi NM 0813 50 u li fihom il-ġewż tal-Brażil fil-qoxra;

(b) L-oġġetti tal-ikel li ġejjin li joriġinaw miċ-Ċina jew li ġew ikkonsenjati minn hemm:

(i) karawett li jaqa' fil-kodiċi NM 1202 41 00 jew 1202 42 00;

(ii) karawett li jaqa' fil-kodiċi NM 2008 11 91 (ippakkjat għall-konsum b'kontenut nett ta' aktar minn 1 kg) jew 2008 11 98 (ippakkjat għall-konsum b'kontenut nett ta' mhux aktar minn 1 kg);

(iii) karawett inkaljat li jaqa' fil-kodiċi NM 2008 11 96 (ippakkjat għall-konsum b'kontenut nett ta' mhux aktar minn 1 kg);

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[2] ĠU L 313,28.11.2009, p. 40.
[3] ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5.

(c) L-oġġetti tal-ikel li ġejjin li joriġinaw mill-Eġittu jew li ġew ikkonsenjati minn hemm:

(i) karawett li jaqa' fil-kodiċi NM 1202 41 00 jew 1202 42 00;

(ii) karawett li jaqa' fil-kodiċi NM 2008 11 91 (ippakkjat għall-konsum b'kontenut nett ta' aktar minn 1 kg) jew 2008 11 98 (ippakkjat għall-konsum b'kontenut nett ta' mhux aktar minn 1 kg);

(iii) karawett inkaljat li jaqa' fil-kodiċi NM 2008 11 96 (ippakkjat għall-konsum b'kontenut nett ta' mhux aktar minn 1 kg);

(d) L-oġġetti tal-ikel li ġejjin li joriġinaw mill-Iran jew li ġew ikkonsenjati minn hemm:

(i) pistaċċi li jaqgħu fil-kodiċi NM 0802 51 00 jew 0802 52 00;

(ii) pistaċċi inkaljati li jaqgħu fil-kodiċi NM 2008 19 13 (ippakkjati għall-konsum b'kontenut nett ta' aktar minn 1 kg) u 2008 19 93 (ippakkjati għall-konsum b'kontenut nett ta' mhux aktar minn 1 kg);

(e) L-oġġetti tal-ikel li ġejjin li joriġinaw mit-Turkija jew li ġew ikkonsenjati minn hemm:

(i) tin imqadded li jaqa' fil-kodiċi NM 0804 20 90;

(ii) ġellewż (Corylus spp.) fil-qoxra jew mingħajr qoxra li jaqa' fil-kodiċi NM 0802 21 00 jew 0802 22 00;

(iii) pistaċċi li jaqgħu fil-kodiċi NM 0802 51 00 jew 0802 52 00;

(iv) taħlitiet ta' ġewż jew frott imqadded li jaqgħu fil-kodiċi NM 0813 50 u li fihom it-tin, il-ġellewż jew il-pistaċċi;

(v) kunserva tat-tin, kunserva tal-pistaċċi u kunserva tal-ġellewż li jaqgħu fil-kodiċi NM 2007 10 jew 2007 99;

(vi) ġellewż u pistaċċi, ippreparati jew ippreservati, inklużi taħlitiet li jaqgħu fil-kodiċi NM 2008 19 u tin, ippreparati jew ippreservati, li jaqgħu fil-kodiċi NM 2008 99, inklużi taħlitiet li jaqgħu fil-kodiċi NM 2008 97;

(vii) tqiq, frak u trab tal-ġellewż, tin u pistaċċi li jaqgħu fil-kodiċi NM 1106 30 90;

(viii) ġellewż imqatta' u mfarrak li jaqa' fil-kodiċi NM 0802 22 00 u 2008 19;

(f) Il-prodotti tal-ikel li ġejjin, li joriġinaw jew li jintbagħtu mill-Istati Uniti tal-Amerika:

(i) lewż bil-qoxra jew mingħajr qoxra li jaqa' fil-kodiċi NM 0802 11 jew 0802 12;

(ii) lewż inkaljat li jaqa' fil-kodiċi NM 2008 19 13 (ippakkjati għall-konsum b'kontenut nett ta' aktar minn 1 kg) u 2008 19 93 (ippakkjati għall-konsum b'kontenut nett ta' mhux aktar minn 1 kg);

(iii) taħlitiet ta' ġewż jew frott imqadded li jaqgħu fil-kodiċi NM 0813 50 u li fihom il-lewż.

2. Il-paragrafu 1 mhux se japplika għall-konsenji ta' oġġetti tal-ikel ta' piż gross li ma jaqbisx l-20 kg, jew għal oġġetti tal-ikel ipproċessati jew komposti li fihom l-oġġetti tal-ikel imsemmija fil-punti minn (b) sa (f) tal-paragrafu 1 fi kwantità inqas minn 20 %".

(2) Fl-Artikolu 4, jitħassar il-paragrafu 6.

(3) Fl-Artikolu 7, il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. L-awtorità kompetenti fil-punt magħżul għall-importazzjoni għandha twettaq verifika tal-identità u għandha tieħu kampjun għall-analiżi tal-aflatossina B1 u għall-kontaminazzjoni sħiħa bl-aflatossini minn ċerti konsenji, bi frekwenza kif indikat fil-paragrafu 5 u konformi mal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 401/2006 qabel ma tinħeles il-konsenja għaċ-ċirkulazzjoni libera fl-Unjoni.

5. Il-verifika tal-identità u t-teħid tal-kampjuni għall-analiżi msemmi fil-paragrafu 4 għandhom isiru fuq:

(a) madwar 50 % tal-konsenji ta' oġġetti tal-ikel mill-Brażil;

(b) madwar 20 % tal-konsenji ta' oġġetti tal-ikel miċ-Ċina;

(c) madwar 20 % tal-konsenji ta' oġġetti tal-ikel mill-Eġittu;

(d) madwar 50 % tal-konsenji ta' oġġetti tal-ikel mill-Iran;

(e) madwar 5 % tal-konsenji għal kull kategorija ta' ġellewż, u prodotti magħmulin minnu, li ġejjin mit-Turkija, imsemmija fl-Artikolu 1(1) (e)(ii) u minn (iv) sa (viii); madwar 20 % tal-konsenji għal kull kategorija ta' tin imqadded, u ta' prodotti magħmulin minnu, ġejjin mit-Turkija, imsemmija fl-Artikolu 1(1) (e)(i) u minn (iv) sa (vii), u madwar 50 % tal-konsenji għal kull kategorija ta' pistaċċi, u l-prodotti magħmulin minnhom, li ġejjin mit-Turkija msemmija fl-Artikolu 1(1) minn (e)(iii) sa (vii);

(f) bażi każwali għall-konsenji ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-Istati Uniti tal-Amerika, imsemmija fl-Artikolu 1(1)(f)."

*Artikolu 2*

**Miżuri ta' tranżizzjoni**

B'deroga mill-Artikolu 4(1) u 7(2), l-oġġetti tal-ikel li joriġinaw jew li jintbagħtu mill-Istati Uniti msemmija fl-Artikolu 1(1)(f) li jkunu telqu mill-Istati Uniti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li ma jkunux akkumpanjati miċ-ċertifikat tat-Teħid ta' Kampjuni Volontarju tal-Aflatossina, jistgħu jiġu importati fl-UE fuq il-kundizzjoni li huma soġġetti għal kontroll fiżiku, inklużi l-kampjunar u l-analiżi.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 275/2012**

**tas-27 ta' Marzu 2012**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | CR | 49,7 |
| | IL | 97,8 |
| | MA | 43,0 |
| | TN | 86,2 |
| | TR | 84,3 |
| | ZZ | 72,2 |
| 0707 00 05 | JO | 119,1 |
| | TR | 152,6 |
| | ZZ | 135,9 |
| 0709 91 00 | EG | 76,0 |
| | ZZ | 76,0 |
| 0709 93 10 | MA | 51,5 |
| | TR | 160,0 |
| | ZZ | 105,8 |
| 0805 10 20 | BR | 35,0 |
| | EG | 45,3 |
| | IL | 78,6 |
| | MA | 47,6 |
| | TN | 55,7 |
| | TR | 64,8 |
| | ZZ | 54,5 |
| 0805 50 10 | EG | 69,3 |
| | TR | 52,3 |
| | ZZ | 60,8 |
| 0808 10 80 | AR | 89,5 |
| | BR | 81,9 |
| | CA | 121,1 |
| | CL | 105,3 |
| | CN | 81,9 |
| | MK | 31,8 |
| | US | 155,4 |
| | UY | 71,6 |
| | ZA | 119,9 |
| | ZZ | 95,4 |
| 0808 30 90 | AR | 90,8 |
| | CL | 104,5 |
| | CN | 76,9 |
| | ZA | 90,7 |
| | ZZ | 90,7 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 276/2012**

**tas-27 ta' Marzu 2012**

**li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [Regolament dwar l-OKS Unika] ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2011/2012 ġew stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 971/2011 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew modifikati l-aħħar bir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2012 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha llum, twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006.

(3) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika malajr kemm jista' jkun wara li tkun disponibbli d-dejta aġġornata, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012, huma b'dan immodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 254, 30.9.2011, p. 12.
([4]) ĠU L 84, 23.3.2012, p. 28.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-28 ta' Marzu 2012**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 12 10 (1) | 43,14 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 43,14 | 1,67 |
| 1701 13 10 (1) | 43,14 | 0,00 |
| 1701 13 90 (1) | 43,14 | 1,96 |
| 1701 14 10 (1) | 43,14 | 0,00 |
| 1701 14 90 (1) | 43,14 | 1,96 |
| 1701 91 00 (2) | 49,59 | 2,59 |
| 1701 99 10 (2) | 49,59 | 0,00 |
| 1701 99 90 (2) | 49,59 | 0,00 |
| 1702 90 95 (3) | 0,50 | 0,22 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### tad-19 ta' Marzu 2012

### li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Bank of Greece

(2012/177/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2012/1 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Frar 2012 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank of Greece [1],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom ikunu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Bank of Greece ser jispiċċa wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2011. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2012.

(3) Il-Bank of Greece għażel lill-KPMG Certified Auditors A.E. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji mill-2012 sal-2016.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li l-KPMG Certified Auditors A.E. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Bank of Greece għas-snin finanzjarji mill-2012 sal-2016.

(5) Huwa xieraq li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE [2] tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1(12) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"12. KPMG Certified Auditors A.E. huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Bank of Greece għas-snin finanzjarji 2012 sa 2016.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. GJERSKOV

---

[1] ĠU C 48, 18.2.2012, p. 1.

[2] ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Marzu 2011

## dwar l-Għajnuna mill-Istat C 10/10 (ex N 562/09) li Spanja għandha l-intenzjoni li tagħti għar-ristrutturazzjoni ta' A NOVO Comlink

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1740)*

**(It-test Spanjol biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/178/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li appellat lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom rigward l-imsemmija dispożizzjonijiet [1],

Billi:

### I. IL-PROĊEDURA

(1) Fis-16 ta' Ottubru 2009, Spanja nnotifikat għajnuna ta' ristrutturar prevista mill-Komunità Awtonoma tal-Andalucía għal A NOVO Comlink SL. Permezz tal-ittra tal-25 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni infurmat lil Spanja bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE dwar din il-miżura. Spanja rrispondiet għal din id-deċiżjoni bl-ittra datata s-26 ta' April 2010. Permezz ta' ittra datata t-22 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni mingħand Spanja. L-awtoritajiet Spanjoli rrispondew fl-20 ta' Ottubru 2010 billi rtiraw in-notifika ladarba s-sitwazzjoni ekonomika kienet żviluppat agħar milli kien mistenni.

(2) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-għajnuna. Ma rċeviet l-ebda kumment minn partijiet terzi.

### II. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA

#### 1. Il-pjan ta' ristrutturar notifikat

(3) Il-pjan ta' ristrutturar li Spanja nnotifikat f'Ottubru 2009 kien jistabbilixxi għajnuna għar-ristrutturar ta' A NOVO Comlink SL (minn hawn 'il quddiem, "A NOVO") abbażi tal-Ordni tal-5 ta' Novembru 2008 li biha jkunu stabbiliti l-bażijiet regolatorji tal-programm ta' Għajnuna għal Intrapriżi Vijabbli b'diffikultajiet ekonomiċi fl-Andalucía u jsehh permezz ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għall-2008 u l-2009 [3]. Il-Kummissjoni approvat l-Ordni msemmija f'Mejju tal-2009 bħala sistema ta' salvataġġ u ristrutturar għal SMEs. B'hekk huwa neċessarju li l-għotjiet individwali ta' tali għajnuna għal impriżi kbar ikunu notifikati (Kawża N608/08).

(4) L-għajnuna prevista għall-Andalucía kienet tikkonsisti f'garanzija ta' 80 % ta' self li jammonta għal EUR 4 375 000 fuq 10 snin, b'sussidju tar-rata tal-imgħax ta'0,89 % u self pubbliku ta' EUR 2 000 000 fuq 10 snin, mogħti mill-Aġenzija għall-Innovazzjoni u l-Iżvilupp tal-Andalucía (IDEA).

(5) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-flus likwidi meħtieġa, Spanja kkonfermat fin-notifika li d-djun pendenti meta ġie elaborat il-mekkaniżmu ta' ristrutturar huwa magħmul minn:

— dejn ma' fornituri ta' EUR 2,7 miljun;

— dejn ta' EUR 650 000 mal-Istat;

— dejn ta' EUR 1,6 miljun ma impriżi oħra tal-grupp A NOVO;

— u dejn ieħor meħtieġ għall-espansjoni tal-attivitajiet.

Dan kollu wassal għall-ħtieġa ta' flus likwidi li jammontaw għal madwar EUR 5 miljun.

(6) Apparti mill-injezzjoni ta' kapital ġdid deskritta preċedentement, il-pjan ta' ristrutturar ma kien jipprevedi l-ebda ristrutturar tal-attivitajiet, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-impriża u lanqas tal-forza tax-xogħol tagħha. Firrigward tal-istruttura tal-impriża, il-pjan kien jiddeskrivi biss l-oqsma attwali tal-attività u l-possibiltajiet u l-prospetti ta' tkabbir.

[1] ĠU C 140, 29.5.2010, p. 25.
[2] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.
[3] BOJA (Gazzetta Uffiċjai tal-Andalucia) Nru 236 tas-27.11.2008, p. 6.

(7) Il-pjan ma rrefera għall-ebda kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju jew tal-impriża possedenti. Fir-rigward ta' kontromiżuri, il-pjan ma kien jipprevedi l-ebda tnaqqis tal-kapaċità jew bejgħ tal-assi. Fir-rigward ta' prospetti, ma kienet stabbilita l-ebda distinzjoni bejn l-ipoteżi ottimista, dik intermedja jew dik pessimista.

## 2. **Miżuri mhux notifikati lill-Kummissjoni**

(8) Matul l-evalwazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar, sar magħruf li f'Mejju tal-2009 kienet ingħatat għajnuna ta' salvataġġ lil A NOVO fil-forma ta' garanzija ta' 80 % fuq self ta' EUR 1 825 000 fuq sitt xhur, bi primjum annwali ta' 1,5 % u rata tal-imgħax ta' 2,86 %. Spanja ma nnotifikatx din il-garanzija.

(9) Wara l-għoti tal-għajnuna fil-21 ta' Mejju 2009, fl-10 ta' Settembru 2009 A NOVO ressqet pjan ta' rsitrutturar lill-awtoritajiet ta' Andalucía.

## 3. **Il-benefiċjarju**

(10) A NOVO hija impriża kbira li topera fis-settur tal-attivitajiet ta' wara l-bejgħ (after-sales) għall-kompjuters, telefowns mobili u tagħmir ieħor elettroniku. Hija 100 % sussidjarja tal-impriża Franċiża A NOVO SA. Oriġinalment, A NOVO kienet tiffabbrika t-telefowns. Bejn l-2004 u l-2006 A NOVO waqfet mill-attivitajiet tagħha ta' produzzjoni u kkonċentrat fuq is-servizzi ta' wara l-bejgħ. A NOVO tinsab f'Málaga (Andalucía), żona li tista' tibbenifika minn għajnuna reġjonali skont l-eżenzjoni tal-Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE.

(11) Meta kien notifikat il-pjan ta' ristruttura, A NOVO kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' insolvenza. Kellha diffikultajiet biex tikseb flus fis-swieq tal-kapital. Mill-kapital inizjali rreġistrat fl-2001 li kien jammonta għal EUR 15-il miljun, EUR 10 miljun kienu sparixxew, u iktar minn kwart minnhom kienu ntilfu matul l-2008 biss.

*(f'EUR)*

| | 2001 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kapital | 15 000 000 | 14 684 923 | 6 167 668 | 6 167 668 | 8 967 667 | 4 056 802 | 2 057 000 |

A NOVO kienet qiegħda tirreġistra wkoll telf sostanzjali u l-fatturat kien qed jonqos

*(f'EUR)*

| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|
| Żieda fit-telf | – 2 603 000 | – 4 549 000 | – 3 923 000 | – 292 000 |
| Tnaqqis tal-fatturat | 22 090 000 | 21 853 000 | 15 305 000 | 15 464 000 |

(12) Konsegwentement, fil-bidu tal-2009, A NOVO kienet qiegħda tiffaċċja kriżi skont il-punti 10 u 11 tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi fi kriżi (minn hawn 'il quddiem "il-Linji gwida") ([4]). Iktar min-nofs il-kapital irreġistrat tagħha kien sparixxa u iktar minn kwart ta' dak il-kapital kien intilef matul it-12-il xahar preċedenti (punt 10(a) tal-Linji gwida). Għaldaqstant, skont il-liġi Spanjola l-impriża kienet tissodisfa l-kriterji biex tkun soġġetta għall-proċedura ta' insolvenza (punt 10(c) tal-Linji gwida). Fi kwalunkwe każ, il-fatturat kien qed jonqos u l-valur tal-assi kien kważi xejn, skont kif stipulat fil-punt 11 tal-Linji gwida.

(13) F'Lulju 2005 kien diġà beda r-ristrutturar ta' A NOVO bil-għan li tbiddel l-attività tagħha u tgħaddi mill-produzzjoni tal-telefowns għal għoti ta' servizzi wara l-bejgħ. Il-Ftehim dwar il-Bażi u l-Impenji tal-Pjan ta' Vijabbilità ta' A NOVO COMLINK S.L. tal-2005 kien jobbliga lil A NOVO tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-pjan ta' vijabbilità permezz ta' operazzjoni ta' bejgħ u twellija lura (lease-back) tal-propjetà immobbli tagħha fil-Park Teknoloġiku f'Andalucía (għal total stmat ta' EUR 14,9 miljun), tbiddel 94 kuntratt temporanju f'permanenti qabel il-31 ta' Diċembru 2007, tikkonkludi 88 kuntratt ġdid qabel il-31 ta' Diċembru 2009, u żżomm l-istess forza tax-xogħol sal-2015. Il-ftehim kien jinkludi wkoll skema ta' rtirar parzjali għall-ħaddiema ladarba jagħlqu s-60 sena.

(14) B'konsegwenza ta' dan, id-Dipartiment tax-Xogħol tal-Kunsill ta' Andalucía awtorizza lil A NOVO tissospendi 224 kuntratt tax-xogħol ta' impjegati li kellhom aktar minn 54 sena sal-31 ta' Awwissu 2008. Din l-awtorizzazzjoni tippermetti lil dawn il-ħaddiema jitolbu l-benefiċċji għall-qgħad minkejja li, teoretikament ikunu għadhom impjegati. Matul is-sospensjoni temporanja tal-kuntratti tax-xogħol, il-ħaddiema jibqgħu jagħmlu parti mill-impriża. Il-miżura hija intenzjonata biex tissupplimenta l-introjtu tal-ħaddiema kkonċernati sakemm jilħqu l-età tal-irtirar.

(15) L-obbligi legali tal-impriża huma limitati għall-ħlas tal-kontribuzzjoni ta' min iħaddem lis-sistema tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema affettwati mis-sospensjoni tal-kuntratt u l-kostijiet tal-pagi u tas-sigurtà soċjali matul il-perjodu ta' rtirar parzjali (bejn is-60 u l-65 sena).

([4]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

### 4. **Raġunijiet għall-ftuħ tal-proċedura**

(16) Wara analiżi ta' dawn il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, u fid-dawl tal-Linji gwida, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura tal-Artikolu 108(2) tat-TFUE għax kellha dubji dwar jekk il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar kinux intlaħqu.

(17) Il-Kummissjoni kkonkludiet li kien probabbli li ż-żewġ miżuri kienu jikkostitwixxu għajnuna. L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jistabbilixxi li kull appoġġ finanzjarju mogħti minn Stat Membru li jagħti vantaġġ speċifiku lil impriżi partikolari, u li b'hekk, iwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni u jaffettwa l-iskambji kummerċjali bejn l-Istati Membri, jikkostittwixxi għajnuna. Il-miżuri inkwistjoni huma l-garanziji, ir-rata tal-imgħax sussidjata, is-self mir-reġjun ta' Andalucía u l-ħlas dirett lill-ħaddiema ta' A NOVO minn riżorsi tal-Istat. Dawn kienu permessi mill-Komunità Awtonoma tal-Andalucía u huma attribwibbli għall-Istat.

(18) Il-miżuri jridu joffru lill-Benefiċjarju vantaġġ li ma setgħax jikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Garanzija ma tikkostitwix tali vantaġġ meta dak li jissellef jinsab f'sitwazzjoni ta' diffikultà finanzjarja, f'konformità mal-punt 3.2(a) tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuniet Statali mogħtija bħala garanzija ([5]) Madanakollu, is-self tal-Andalucía jista' jkun ta' vantaġġ. Il-Kummissjoni tiddubita kemm ir-rati tas-suq kienu konformi mar-regoli tal-Kummissjoni dwar l-iffissar tar-rati tas-suq, stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu għall-iffissar tar-rati ta' referenza u dawk skontati tar-redditu (discounted rates of return) ([6]). Konsegwentement, huwa probabbli li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna li tfixkel il-kompetizzjoni.

(19) Anke jekk mill-2009 A NOVO kienet f'diffikultà ekonomika, kien hemm dubji jekk kinitx eliġibbli għal kwalunkwe assistenza ta' salvataġġ jew ristrutturar ladarba kienet 100 % sussidjarja tal-Impriża Franċiża A NOVO SA li kellha fatturat ta' madwar EUR 350 miljun u profitt nett ta' EUR 12 miljun fl-2009. F'konformità mal-punt 11 tal-Linji gwida, l-impriżi fi kriżi jistgħu jibbenefikaw biss mill-għajnuna f'każ li ma ijistgħux jirkupraw b'fondi miksuba mill-propjetarji tagħhom. Barra minn hekk, taħt punt 13 tal-Linji gwida, meta impriża tkun propjetà ta' grupp ikbar, l-Istat Membru jrid juri li d-diffikultajiet li tkun għaddejja minnhom l-impriża jkunu intrinsiċi u kumplessi wisq biex jiġu ttrattati mill-grupp tagħha stess. Spanja ma ressqet l-ebda informazzjoni li turi li dawn il-kundizzjonijiet kienu sodisfatti.

(20) Fir-rigward tal-pjan ta' ristrutturar, il-Kummissjoni tiddubita kemm l-għajnuna twassal għall-vijabbiltà fit-tul kif huwa meħtieġ mill-punti 35 u 36 tal-Linji gwida. Il-pjan ta' ristrutturar ma kellux deskrizzjoni tal-miżuri interni destinati għat-titjib tal-vijabbiltà u l-istruttura tal-impriża. Addizzjonalment, il-pjan kien nieqes minn miżuri kumpensatorji biex inaqqsu l-effett negattiv li l-miżura jista' jkollha għall-kompetituri, bħal tnaqqis ta' kapaċità (punti 38 u 39 tal-Linji gwida). Lanqas ma kien possibbli li jkun determinat li l-ammont u l-intensità tal-għajnuna jkunu limitati għall-kostijiet tar-ristrutturar strettament neċessarju (punti 43 u 45 tal-Linji gwida). B'mod konkret, il-pjan kien nieqes minn kwalunkwe referenza għall-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju.

(21) Fir-rigward tar-ristrutturar tal-2005, il-Kummissjoni tiddubita kemm ġie rrispettat il-prinċipju ta' "non-rikorrenza". B'referenza għall-punti 72 u dawk sussegwenti tal-Linji gwida, mhux permess l-intervent tal-Istat meta jkunu għaddew inqas minn 10 snin mill-eżekuzzjoni tal-aħħar miżura ta' għajnuna ta' salvataġġ jew ta' ristrutturar. Il-Kummissjoni għandha nuqqas ta' informazzjoni biex tiddetermina jekk il-ħlasijiet diretti realizzati mill-Komunità Awtonoma tal-Andalucía lill-ħaddiema jikkostitwixxux għajnuna. Jekk dawn il-ħlasijiet saru skont skema ġenerali tas-sigurtà soċjali mhumiex ikkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat. Jekk kellhom normalment joħorġu mill-impriża nnifisha, skont il-leġiżlazzjon tal-impjiegi jew xi ftehim kollettiv, dawn il-ħlasijiet huma parti mill-kostijiet normali tal-impriża. Jekk l-Istat jagħmel dawn il-ħlasijiet, huma jkollhom ikunu kkunsidrati bħala għajnuna ([7])

(22) Konsegwentement, kien dubjuż jekk l-għajnuna ta' salvataġġ u ristrutturar setgħetx tkun ikkunsidrata kumpatibbli mal-Linji gwida relevanti.

## III. OSSERVAZZJONIJIET MINN SPANJA

(23) B'ittra datata t-22 ta' Ottubru 2010, Spanja infurmat lill-Kummissjoni li ma kinitx wettqet il-miżura ta' ristrutturar notifikata u li kienet qed tirtira n-notifika.

(24) Fir-rigward tal-għajnuna ta' salvataġġ ta' Mejju 2009, Spanja ġibdet l-attenzjoni li, fid-19 ta' Jannar 2009, l-Aġenzija tal-Innovazzjoni u l-Iżvilupp tal-Andalucía (IDEA) kienet approvat operazzjoni ta' riskju li tikkonsisti f'garanzija ta' salvataġġ li tammonta għal EUR 1,5 miljun matul 6 xhur li ppermettiet lill-impriża tikseb self missuq tal-kapital għal valur ta' EUR 1 875 000. Dan is-self ingħata fil-21 ta' Mejju 2009. Huwa taffa l-problemi ta' likwidità tal-impriża li kienu jwasslu għall-falliment tagħha u taha l-marġini ta' manovrabbiltà neċessarju biex tiżviluppa pjan ġdid ta' ristrutturar bil-miżuri u l-azzjonijiet neċessarji biex tiggarantixxi l-vijabbiltà tagħha qabel ma nqalgħet is-sitwazzjoni imprevista ta' ristrizzjoni ġenerali fuq il-kreditu mill-entitajiet finanzjarji.

([5]) ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10.
([6]) ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.
([7]) Ara wkoll il-punti 61 u 63 tal-Linji gwida.

(25) Fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tal-garanzija bħala għajnuna, Spanja allegat li l-kummerċ mhux se jkun affettwat. Is-servizzi ta' wara l-bejgħ li joffri l-benefiċjarju jingħataw fuq skala lokali u huma limitati għat-territorju Spanjol. L-għajnuna mhux se taffettwa l-iskambji transkonfinali u lanqas se tfixkel b'mod sinifikanti lill-kompetituri mhux Spanjoli mili jwaqqfu operazzjonijiet fis-suq Spanjol. Lanqas teżisti raġuni biex ikun provdut servizz ta' wara l-bejgħ għal utenti finali Spanjoli barra mit-territorju Spanjol. Minkejja li A NOVO kienet parti mill-grupp Franċiż A NOVO S.A., operatur importanti fis-suq tas-servizzi ta' wara l-bejgħ fl-Ewropa, l-effett possibbli indirett fuq il-kummerċ se jkun biss teoretiku u fl-agħar xenarju possibiltà insinifikanti li mhux se taffettwa b'mod notevoli r-relazzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn grupp bħal A NOVO S.A. u l-kompetituri tiegħu, fid-dawl tad-daqs tal-għajnuna meta mqabbla ma' grupp tad-daqs ta' A NOVO S.A. li l-fatturat tiegħu fl-2009 kien jammonta għal EUR 366 miljun.

(26) L-awtoritajiet Spanjoli jsostnu li r-rata tal-imgħax tas-self bankarju tal-21 ta' Mejju 2009, għall-valur ta' EUR 1,875 miljun, li 80 % tiegħu kien garantit mill-Kunsill ta' Andalucía bi primjum annwali ta' 1,5 %, kien kumparabbli mar-rati applikati fuq is-self ta' impriżi b'saħħithom. Din ir-rata ta' imgħax kienet ta' 2,88 % u r-rata ta' referenza ppubblikata mill-Kummissjoni għal Mejju 2009 kienet ta' 2,22 % ([8]) Il-Komunikazzjoni relevanti dwar ir-reviżjoni tal-metodu biex ikunu ffissati r-rati ta' referenza u ta' redditu skontat ([9]) tgħid li l-marġini li għandu jkun applikat għas-self b'garanzija elevata mogħti lill-impriżi b'saħħithom (livell ta' likwidità AAA-A) hu ta' 60 punt ta' bażi. Dan jwassal għal-limitu ta' 2,82 %. Skont id-deċiżjoni għall-għoti tal-garanzija, il-garanzija kienet tiskadi mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data tal-għoti tas-self.

(27) L-awtoritajiet Spanjoli jsostnu wkoll li l-garanzija kienet ġustifikata mir-riperkussjonijiet soċjali gravi u ma kellha l-ebda effett fi Stati Mmebri oħra fit-tifsira tal-punt 25(b) tal-Linji gwida. L-għadd ta' ħaddiema impjegati uffiċjalment kien jammonta għal 527. Il-falliment jew l-egħluq tal-impriża kien jaffettwa lil dawn il-ħaddimea kif ukoll mijiet ta' impjiegi varji indiretti oħra. Fil-kunsiderazzjoni tal-istruttura tal-età tal-ħaddiema, il-biċċa l-kbira tagħhom kien ikollhom diffikultà biex isibu impjieg ġdid. Bl-indiċi għoli ta' qgħad eżistenti fl-Andalucía (30 % f'Malaga), l-għeluq tal-impriża kien iwassal għal sitwazzjoni soċjali gravi ħafna. Barra minn hekk, Spanja qieset li, fil-kunsiderazzjoni li s-servizzi ta' tiswija wara l-bejgħ kienu jingħataw fuq skala reġjonali, ma kienx probabbli li jkun hemm kwalunke effett kollaterali negattiv fuq Stati Membri oħra.

(28) Addizzjonalment, l-awtoritajiet Spanjoli ssottolinejaw li kienu sodisfatti l-kundizjonijiet tal-punt 25(c) tal-Linji gwida applikabbli għall-għajnuna ta' salvataġġ mhux notifikata, li skonthom l-Istat Membru jrid iressaq pjan ta' ristrutturar jew prova li l-garanzija ġiet imwaqqfa, fis-sitt xhur wara l-ewwel awtorizzazzjoni tal-għajnuna ta' salvataġġ. Wara l-għoti tal-għajnuna ta' salvataġġ fil-21 ta' Mejju 2009, Spanja nnotifikat il-pjan ta' ristrutturar u l-għajnuna prevista fis-16 ta' Ottubru 2009. B'hekk baqgħet fil-limitu tas-sitt xhur. Addizzjonalment, Spanja kkonfermat li d-durata tal-garanzija Statali kienet limitata għal sitt xhur.

(29) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Spanjoli jsostnu li l-ammont tal-għajnuna kien limitat għal dak neċessarju biex l-impriża tibqa' għaddejja matul il-perjodu awtorizzat tas-sitt xhur, kif meħtieġ mill-punt 25(d) tal-Linji gwida. L-ammont kien ikkalkulat abbażi tal-likwidità neċessarja għal sitt xhur u d-defiċit finanzjarju mressaq mill-impriża li ppreżentat il-fluss tal-flus tagħha għas-sitt xhur segwenti bħala parti mit-talba ta' salvataġġ.

*(f'EUR)*

| | Xahar 1 | Xahar 2 | Xahar 3 | Xahar 4 | Xahar 5 | Xahar 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dħul | 1 440 998,00 | 1 685 785,00 | 1 586 880,00 | 1 403 600,00 | 1 405 920,00 | 1 549 760,00 |
| Nefqa | 1 632 677,00 | 4 231 415,00 | 2 631 987,00 | 2 684 834,00 | 1 754 309,00 | 1 504 723,00 |
| Bilanċ | – 191 679,00 | – 2 545 630,00 | – 1 045 107,00 | – 1 281 234,00 | – 348 389,00 | 45 037,00 |
| Bilanċ kumulattiv | – 191 679,00 | – 2 737 309,00 | – 3 782 416,00 | – 5 063 650,00 | – 5 412 039,00 | – 5 367 002,00 |

(30) Abbażi ta' din id-dejta, l-awtoritajiet Spanjoli kkonkludew li l-ammont neċessarju kien ta' EUR 1 875 000 minħabba fluss tal-flus negattiv għoli (EUR – 5 367 002). Biex ikun determinat l-ammont tal-għajnuna, l-awtoritajiet imsemmija kkunsidraw ir-riżultat miksub meta tiġi applikata il-formola pprovduta fl-Anness tal-Linji gwida. Il-kalkolu sar bil-mod li ġej:

EBIT 2008: EUR – 4 212 036

Amortizzament 2008 EUR 437 201

Il-kapital operazzjonali 2008 (assi kurrenti EUR 7 686 473 – obligazzjonijiet kurrenti EUR 10 446 997) = EUR – 2 760 524

Il-kapital operazzjonali 2007 (assi kurrenti EUR 11 748 449 – obligazzjonijiet kurrenti EUR 10 958 960) = EUR 789 489

(kapital operazzjonali$_t$ – kapital operazzjonali$_t$-1) = EUR – 3 550 013

([8]) http://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/reference_rates.html
([9]) ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.

$[EBIT_t + amortizzament_t + (kapital\ operazzjonali_t - kapital\ operazzjonali_{t}-1)]/2$

= [EUR – 4 212 036 + EUR 437 201 + EUR – 3 550 013]/2 = EUR – 3 662 424

Bħalal riżulat, nofs il-fluss tal-flus operazzjonali negattiv tas-sena ta' qabel l-għoti tal-għajnuna, kien jammonta għal EUR 3 662 424. Is-self b'garanzija statali mogħti minn Spanja, kien ħafna inqas minn dan il-limitu, u għalhekk, limitat għall-ammont neċessarju.

(31) Fir-rigward tal-fatt jekk A NOVO, bħala sussidjarja totali tal-impriża Franċiża A NOVO SA, li l-fatturat tagħha huwa madwar EUR 350 miljun, hijiex impriża fi kriżi eliġibbli għall-għajnuna ta' salvataġġ u ristrutturar, Spanja argumentat li l-problemi tal-impriża kienu intrinsiċi u wisq kumplessi biex ikunu solvuti mill-grupp stess. Kienu intrinsiċi għax kienu relatati esklussivament mal-attivitajiet ta' A NOVO u, b'mod partikolari, mal-bidla tagħha minn produzzjoni għall-għoti ta' servizzi. Ma rriżultawx minn allokazzjoni ta' kostijiet fil-grupp. Barra minn hekk, id-diffikultajiet finanzjarji tal-impriża kienu wisq kumplessi biex ikunu riżolti mill-grupp stess. Id-dejta tal-profitti u tal-fluss tal-flus tas-snin 2008 u 2009 tal-grupp A NOVO S.A. u ta' A NOVO Comlink Spanja jindikaw li, fi tmiem l-2008, meta d-diffikultajiet ta' A NOVO bdew jeħtieġu operazzjoni ta' salvataġġ, il-kumpanija possedenti kienet tinsab taħt pressjoni finanzjarja hi stess:

*(EUR miljuni)*

| | Grupp A NOVO SA (Franza) | | A NOVO (Spanja) | |
|---|---|---|---|---|
| | 2008 | 2009 | 2008 | 2009 |
| Bejgħ | 350 | 366 | 14,9 | 15,5 |
| Profitti | – 17 | 12 | – 3,9 | – 0,3 |
| Riżorsi proprji | 45 | 53 | 0 | 1,8 |
| Self fuq medda qasira ta' żmien | 28 | 18 | 3,4 | 2 |
| Self fit-tul | 56 | 51 | 0,6 | 0,7 |
| Fluss tal-flus | – 0,3 | 2 | – 0,6 | – 0,9 |
| Assi | 230 | 225 | 14,2 | 13,4 |

It-telf ta' EUR 17-il miljun tal-grupp huwa dovut ukoll għal numru ta' impenji lejn A NOVO Spanja. Il-grupp A NOVO għamel kontribuzzjonijiet sostanzjali lis-sussidjarja Spanjola tiegħu. EUR 2,123 miljun fl-2006 u EUR 2,060 miljun fl-2009. Fl-2009 inħolqu pressjonijiet ġodda dovuti għall-ħtieġa li jkun skedat mill-ġdid id-dejn tal-grupp Franċiż.

(32) Fir-rigward tar-ristrutturar tal-2005 u għall-prinċipju ta' non-rikorrenza, skont l-awtoritajiet Spanjoli 224 ħaddiem ibbenefikaw mill-iskema ta' rtirar parzjali wara s-sospensjoni tal-kuntratti tax-xogħol tagħhom f'konformità mal-Proċedura ta' Aġġustament għax-Xogħol Temporanju (ERTE). Skont l-imsemmi ERTE, kienu sospiżi l-kuntratti ta' 224 ħaddiem f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-impjiegi applikabbli, b'mod partikolari l-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Ħaddiema approvat permezz tad-Digriet Reali 1/1995 tal-24 ta' Marzu 1995 ([10]).

(33) Skont l-Artikolu 45(1) tal-Istatut tal-Ħaddiema, il-kuntratt tax-xogħol jista' jkun sospiż għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi, organizzattivi u ta' produzzjoni. L-inċiż 2 tal-istess Artikolu jistabbilixxi li s-suspensjoni teżonera lill-partijiet mill-obbligi reċiproki li jaħdmu u li jħallsu għax-xogħol. Il-ħaddiema jieħdu l-benefiċċju tal-qgħad skont l-Artikolu 208(1)(a) tal-Liġi Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali (Digriet Reali 1/1994 tal-20 ta' Ġunju 1994 ([11])). Skont l-Artikolu 214(2) ta dan id-Digriet Reali li japprova t-Test Revedut tal-Liġi Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, min iħaddem irid iħallas il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem lis-Sigurtà Soċjali, waqt li l-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (INSS) irid iħallas il-kwota tal-ħaddiem.

(34) Fi tmiem il-perjodu tas-sospensjoni tal-kuntratti individwali awtorizzat fl-ERTE, il-ħaddiema reġgħu ġew integrati fl-impriża iżda huma jagħmlu parti mill-iskema ta' rtirar parzjali skont liema jaħdmu biss 15 % ta' dak stipulat fil-kuntratt tagħhom. L-impriża tħallas il-15 % tas-salarju u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, din il-miżura, bħall-miżuri finanzjarji kumplimentari, approvati mid-Dipartiment tax-Xogħol tal-Kunsill ta' Andalucía fil-kuntest tal-ERTE tal-2005 u abbażi tal-Ftehim dwar il-Bażi u l-Impenji tal-Pjan ta' Vijabbilità ta' A NOVO Comlink Spanja S.L. tat-18 ta' Lulju tal-2005, huwa f'konformità mal-leġiżlazzjoni ġenerali tax-xogħol u b'mod partikolari l-Artikolu 51 u dawk segwenti tal-Istatut tal-Ħaddiema, id-Digriet Reali 43/1996 tad-19 ta' Jannar tal-Ministeru tax-Xogħol u tas-Sigurtà Soċjali li approva r-Regolament tal-proċeduri għar-regolamentazzjoni tal-impjieg u azzjoni amminstrattiva b'konnessjoni ma' trasferimenti kollettivi ([12]);id-Digriet Reali 2064/1995, tat-22 ta' Diċembru, li approva r-Regolament Ġenerali dwar il-kontribuzzjonijiet u l-ħlas ta' drittijiet oħra tas-Sigurtà Soċjali ([13]). u l-Ftehim tal-Assigurazzjoni Kollettiva fuq il-Ħajja, li huwa miżura xierqa ta' sostenn lill-ħaddiema b'mod dirett u nominali biex jiffaċċjaw ir-riperkussjonijiet lavorattivi li jakkumpanjaw il-bidla tagħhom għal irtirar parzjali, skont kif provdut fil-Liġi 50/1980, tat-8 ta' Ottubru, dwar il-Kuntratti tal-Assigurazzjoni ([14]).

([10]) BOE (Gazzetta Uffiċjali tal-Istat) 75, 29.3.1995, p. 9654.
([11]) BOE (Gazzetta Uffiċjali tal-Istat) 154, 29.6.1994, p. 20658.
([12]) BOE (Gazzetta Uffiċjali tal-Istat) 44, 20.2.1996, p. 6074.
([13]) BOE (Gazzetta Uffiċjali tal-Istat) 22, 25.1.1996, p. 2295.
([14]) BOE (Gazzetta Uffiċjali tal-Istat) 250, 17.10.1980, p. 23126.

## IV. VALUTAZZJONI

### 1. Irtirar tan-Notifika minn Spanja

(35) Wara l-irtirar tan-notifika, il-proċedura relattiva għal pjan ta' ristrutturar ma kienx baqgħalha skop. Madanakollu, l-irtirar ta' notifika ma jistax jaffettwa għajnuna ta' salvataġġ mhux notifikata u mogħtija qabel in-notifika tagħha.

### 2. L-għajnuna ta' salvataġġ ta' Mejju 2009

(36) Wara t-tweġibiet tal-awtoritajiet Spanjoli, irid ikun żgurat li l-għajnuna ta' salvataġġ hija kumpatibbli mal-Artikolu 107(3)(c), ladarba tissodisfa l-kundizzjonijiet relevanti stabbiliti fil-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi fi kriżi.

(37) Il-miżura tikkostittwixxi għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE Biex tkun ikkunsidrata bħala għajnuna mill-Istat, il-miżura trid tagħti lill-benefiċjarju vantaġġ li ma jistax jikseb f'kundizjonijiet normali tas-suq u li jista' jaffettwa l-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Irid ikun ikkunsidrat li l-garanzija tikkostittwixxi għajnuna jekk min jissellef jinsab f'sitwazzjoni ta' diffikultà finanzjarja skont il-punt 3.2(a) tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanzija. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-garanzija tagħti lil min jissellef vantaġġ. Il-pożizzjoni tal-impriża benefiċjarja rriżultat imsaħħa meta mqabbla ma' dik tal-kompetituri tagħha. Konsegwentement, il-miżura tista' toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(38) L-Awtoritajiet Spanjoli sostnew li ma kien hemm l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati. Madanakollu, fil-ġurisprudenza tagħha l-Qorti sostniet li l-effett fuq il-kummerċ ma jiddipendix mill-karattru lokali jew reġjonali tas-servizzi mogħtija jew fuq id-daqs tal-attività inkwistjoni [15]. Addizzjonalment, is-servizzi ta' wara l-bejgħ mogħtija minn A NOVO huma kummerċjalizzati liberament fl-Unjoni. Is-sjieda tal-impriżi li joffru dan it-tip ta' servizz tkopri iktar minn Stat Membru wieħed. Dan japplika, b'mod partikolari, għall-benefiċjarju li jifforma parti mill-grupp Franċiż A NOVO, operatur importanti fis-suq tas-servizzi ta' wara l-bejgħ fl-Ewropa u fi swieq oħra. Is-servizzi ta' A NOVO jistgħu jkunu offruti perfettament minn impriżi Ewropej oħra li għandhom sussidjarja fi Spanja. Bl-istess mod, l-impriżi ta' Stati Membri oħra jistgħu jistħarrġu l-possibbiltà li jifthu fi Spanja biex joffru dan it-tip ta' servizz iżda jistgħu jaqtgħu qalbhom jagħmlu dan minħabba s-servizzi li A NOVO tista' toffri grazzi għall-għajnuna mill-Istat. Għajnuna ta' daqs żgħir tista' wkoll ikollha riperkussjonijiet fil-kummerċ bejn l-Istati Membri, speċjalment jekk tiddetermina jekk A NOVO tkomplix topera jew le. Barra minn hekk, l-għajnuna tista' ssaħħaħ lill-impriża possedenti Franċiża. Konsegwentement, tintlaħaq il-kundizzjoni li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u l-għoti tal-għajnuna ta' salvataġġ tikkostittwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. L-għajnuna ngħatat mill-Kunsill ta' Andalucía u hija attribwibbli lill-Istat.

(39) A NOVO hija impriża fi kriżi fit-tifsira tal-Artikolu 13 tal-Linji gwida, minkejja li tappartjeni għal grupp ikbar. Spanja tista' tipprova li d-diffikultajiet tal-impriża kienu intrinsiċi jekk ma kinux dovuti għall-allokazzjoni arbitrarja tal-kostijiet. Fil-fatt, huma dovuti għar-ristrutturar industrijali li sofriet l-impriża matul is-snin. Id-diffikultajiet kienu wisq kumplessi biex ikunu riżolti mill-grupp innifsu għax meta sar l-għoti tal-għajnuna ta' salvataġġ l-impriża nnifisha kienet qed issofri minn pressjoni finanzjarja sinifikanti. Fl-2006 hija kienet investiet EUR 2,123 miljun f'A NOVO, u hi wkoll kienet irreġistrat telf fl-2008. Fl-2009 għamlet injezzjoni ta' fondi proprji li ammontaw għal EUR 2,060 miljun.

(40) Il-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 25(a) tal-Linji gwida. Is-self bankarju ta' salvataġġ ta' EUR 1,875 miljun, li 80 % tiegħu kienu garantiti mill-Kunsill ta' Andalucía, kellu rata ta' imgħax kumparabbli mas-self mogħti lill-impriżi b'saħħithom, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu għall-iffissar tar-rati ta' referenza u ta' skont. Addizzjonalment, is-self kellu marbut miegħu primjum annwali għal-garanzija ta' 1,5 %. Il-garanzija kienet tiskadi fis-sitt xhur segwenti tad-data tal-għoti tas-self.

(41) Il-garanzija kienet ġustifikata mid-diffikultajiet soċjali gravi ta' A NOVO u ma kellha l-ebda effett kollaterali fi Stati Membri oħra fit-tifsira tal-punt 25(b) tal-Linji gwida. Fid-Deċiżjoni tagħha għall-bidu ta' proċedura il-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet is-sitwazzjoni ekonomika ta' A NOVO, li kienet tħaddem 527 persuna, kienet għaddejja minn diffikultajiet fl-2008 (ara l-premessi 11 u 12). Il-falliment jew l-għeluq tal-impriża kien jiġġenera sitwazzjoni soċjali gravi ħafna fl-Andalucía, reġjun li diġà jsofri minn rata ta' qgħad għolja. Fil-kunsiderazzjoni li s-servizzi ta' tiswija wara l-bejgħ għandhom karattru reġjonali, mhux probabbli li jkun hemm effetti kollaterali negattivi fuq Stati Membri oħra.

(42) Kienu wkoll sodisfatti l-kundizjonijiet tal-punt 25(c) tal-Linji gwida applikabbli għall-għajnuna ta' salvataġġ mhux notifikata, li skonthom fis-sitt xhur wara l-ewwel awtorizzazzjoni tal-għajnuna ta' salvataġġ l-Istat Membru jrid iressaq pjan ta' ristrutturar jew prova li l-garanzija ġiet imwaqqfa. Wara l-għoti tal-għajnuna ta' salvataġġ fil-21 ta' Mejju 2009, fl-10 ta' Settembru 2009 A NOVO ressqet pjan ta' ristrutturar u l-għajnuna prevista flimkien ma' talba għall-għajnuna ta' salvataġġ. Fis-16 ta' Ottubru 2009, Spanja nnotifikat il-pjan ta' ristrutturar. Addizzjonalment, Spanja kkonfermat li d-durata tal-garanzija Statali kienet limitata għal sitt xhur u skadiet fil-21 ta' Novembru 2009.

---
[15] Kawża C-280/00 *Altmark Trans* Ġabra 2003, ECR I-7747, paragrafu 82; Kawża C-172/03, *Heiser vs Finanzamt Innsbruck*, Ġabra 2005, p. I-1627, punt 33.

(43) Addizzjonalment, l-ammont tal-għajnuna kien limitat għall-kwantità neċessarja għall-funzjonament tal-impriża matul il-perjodu awtorizzat ta’ sitt xhur, kif meħtieġ mill-punt 25(d) tal-Linji gwida. Dan l-ammont kien ikkalkulat abbażi tal-likwidità neċessarja għal sitt xhur u d-defiċit ta’ likwidità mressaq mill-impriża, kien ħafna inqas mil-limitu stabbilit skont il-formola pprovduta fl-Anness tal-Linji gwida. Jista’ jkun ikkunsidrat li hu limitat għall-ammont neċessarju, f’konformità mal-punt 25(d) tal-istess Linji gwida.

(44) Fir-rigward tal-prinċipju ta’ non-rikorrenza, l-informazzjoni mressqa minn Spanja ppermettiet lill-Kummissjoni tiżgura li l-użu tal-fondi pubbliċi fil-kuntest tar-ristrutturar tal-2005 mill-miżuri soċjali affavur tal-forza tax-xogħol ta’ A NOVO sar f’konformità ma’ skeda ġenerali tas-sigurtà soċjali u ma jistax ikun ikkunsidrat bħal għajnuna mill-Istat, f’konformità mal-punti 61 u 63 tal-Linji gwida.

(45) Konsegwentement, l-informazzjoni ppreżentata mill-awtoritajiet Spanjoli xxejjen id-dubji relatati mal-kumpatibbiltà tal-miżuri proviżorji mogħtija lil A NOVO mal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE li l-Kummissjoni esprimiet fid-deċiżjoni biex tibda l-proċedura tal-Artikolu 108(2) tat-Trattat.

## V. **KONKLUŻJONI**

(46) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeċidiet li ttemm il-proċedura tal-Artikolu 108(2)tat-TFUE. Għal dak li jirigwarda l-għajnuna ta’ salvataġġ mhux notifikat, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li Spanja tat din l-għajnuna b’mod illegali bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Madanakollu, il-Kummissjoni jkollha tadotta deċiżjoni pożittiva ladarba din hija kumpatibbli mas-suq itern skont l-Artikolu 107(3) tat-TFUE. Il-proċedura relattiva mal-għajnuna ta’ ristrutturar notifikata hija arkivjata abbażi tal-fatt li ma għadx hemm skop għaliha ladarba Spanja rtirat il-miżura.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat li tikkonsisti f’garanzija mogħtija minn Spanja għas-salvataġġ ta’ A NOVO Comlink SL hija kumpatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

Ladarba l-miżura ta’ ristrutturar kienet irtirata minn Spanja, il-proċedura preżenti ma għadx hemm skop għaliha fir-rigward tal-imsemmija għajnuna ta’ ristrutturar. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li ttemm din il-proċedura skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE dwar l-għajnuna ta’ ristrutturar.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta’ Spanja.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta’ Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Viċi President*

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT